MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 39/2006

Assocjazzjoni GS1 Malta

vs

Value Foods Limited [C 21882]

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba tal-assocjazzjoni attrici li jghid hekk :

"L-Assocjazzjoni attrici qed titlob din is-somma (ta' mitejn u hamsa u disghin liri maltin [Lm295]) rapprezentanti kontribuzzjoni dovuta lilha mis-socjeta' konvenuta ghas-sena 2005 ai termini ta' l-istatut ta' l-istess Assocjazzjoni.

Minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata thallas inkluza bl-ittra bonarja datata 2 ta' Frar 2006, din baqghet inadempjenti.

Qed jintalbu wkoll l-imghaxijiet dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-effettiv pagament, bir-rata ta' 8% fis-sena.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni."

Ra li s-socjeta' konvenuta giet debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fis-6 ta' Novembru 2006, u ghalhekk it-terminu moghti mill-ligi ghar-risposta ghadda.

Billi ghalkemm innotifikat regolarment il-konvenut baqa' ma deherx la ghall-udjenza tas-7 ta' Dicembru 2006, u lanqas dik tad-9 ta' Jannar 2007, u wkoll wara li kull darba l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, il-konvenut baqa' xorta wahda ma deherx, u dan bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehera tieghu.

Ra d-dokumenti esibiti mat-talba.

Ra wkoll in-Nota  tas-socjeta' attrici tad-29 ta' Dicembru 2006, li permezz taghha l-istess socjeta' attrici ddikjarat li s-sorte u l-imghax thallsu, u zammet ferm it-talba taghha dwar il-kap tal-ispejjez.

Fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2007, is-socjeta' attrici patrocinata mill-Avukat Dottor Victor Axiaq baqghet izzomm ferm it-talba taghha ghall-hlas tal-ispejjez.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lis-socjeta konvenuta li thallas l-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------